# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 5 ta' April, 2019

**Rikors Numru : 242/2018 JPG**

**Kawza Numru : 33**

**GC**

**Vs.**

**DC F'ISIMHA PROPJU U BHALA KURATRICI *AD LITEM* TAL-MINURI CC, NC, DIRETTUR TAR-REGISTRU PUBBLIKU**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' GC, datat 14 ta' Settembru, 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta DC twieldet il-minuri C maghrufha bil-kunjom C, nhar l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u sitta (2006) u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat bhala **Dok. 'GC 1'**;*

2. *Illi billi l-istess minuri twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, giet registrata md-Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid taghha, li jgib in-numru 1095/2006, bhala wild il-konvenut NC;*

3. *Illi b'danakollu meta C maghrufha bil-kunjom C giet ikkoncepita, il-konvenuti DC u NC kienu mifruda de facto u kienu qed jghixu f'zewg residenzi differenti,*

*tant li fis-sena 2003 l-istess DC fethet proceduri sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null mit-Tribunal Ekklezjastiku;*

4. *Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-konvenuti DC u NC;*

5. *Illi ghalhekk il-konvenut NC ma jistax ikun missier il-minuri Cmaghrufa bil-kunjom C, peress illi l-konvenut NC u l-konvenuta DC ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tal-minuri, u ghalhekk il-konvenut NC kien effettivament fl-impossibilita' fizika li jghammar mal-konvenuta DC minhabba li kien boghod minnha;*

6. *Illi effettivament, missier il-minuri C maghrufa bil-kunjom C huwa l-attur GC, u dan peress illi fiz-zmien meta 1-istess C giet ikkoncepita, l-attur u l-konvenuta DC kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sal-lum, tant li sahansitra illum l-attur GC u l-konvenuta DC huma mizzewga kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat* ***Dok. 'GC 2'****;*

7. *Illi l-attur qieghed minn issa jiddikjara id-disponibilita' tieghu ghal kwalsiasi testijiet u provi genetici u xjentifici rikjesti mil-Ligi u minn dina l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi skond DNA Paternity Test Report maghmul minn MLSBioDNA Limited, liema test qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'GC 3'****, irrizulta illi l-attur GC huwa l-missier bijologiku tal-minuri C maghrufa bil-kunjom C;*

9. *Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur.*

10. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat jipprezenta din il-procedura a bazi ta' digriet datat hamsa (5) ta' Settembru 2018 liema digriet gie moghti fl-atti tar-rikors generali numru 388/18 AGV (****Dok. 'GC 4'****);*

11. *Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-*

*(a) fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom C, hija effettivament il-wild naturali tal-attur GC u mhux il-wild tal-konvenut NC, kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru X;*

*(b) konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti, previa kull dikjarazzjoni ohra mehtiega u opportuna, joghgobha:*

*(1) Tiddikjara li l-minuri C maghrufa bil-kunjom C, hija effettivament il-wild naturali tal-attur GC;*

*(2) Tiddikjara li l-konvenut NC ma hux il-missier naturali ta' C maghrufa bil-kunjom C;*

*(3) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' C maghrufa bil-kunjom C liema att ghandu n-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:*

*(a) jbiddel l-kunjom "Cx" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "C" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-missier;*

*(b) jhassar il-kliem "NC" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "GC", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Y" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Z", ihassar n-numru "W" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "V", ihassar l-post "S" fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "Q", ihassar il-kliem "CC (Dead)" u minflok inizzel il-kliem "RC (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom*

*il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija";*

*(4) Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' GC, datata 14 ta' Settembru, 2018, vide fol 5 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi minn relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-konvenuta DC twieldet il-minuri C maghrufha bil-kunjom C, nhar l-ewwel (1) t'April tas-sena elfejn u sitta (2006) u dana kif jirrizulta mic-Certifikat tat-Twelid anness u mmarkat bhala* ***Dok. 'GC 1'****;*

2. *Illi billi l-istess minuri twieldet entro t-terminu stabbilit mill-Artikolu 68 tal-Kodici Civili, giet registrata md-Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-Att tat-Twelid taghha, li jgib in-numru X, bhala wild il-konvenut NC;*

3. *Illi b'danakollu meta C maghrufha bil-kunjom C giet ikkoncepita, il-konvenuti DC u NC kienu mifruda de facto u kienu qed jghixu f'zewg residenzi differenti, tant li fis-sena 2003 l-istess DC fethet proceduri sabiex iz-zwieg taghhom jigi dikjarat null mit-Tribunal Ekklezjastiku;*

4. *Illi matul dan iz-zmien ma kien hemm l-ebda rikonciljazzjoni u wisq anqas rapporti intimi bejn l-konvenuti DC u NC;*

5. *Illi ghalhekk il-konvenut NC ma jistax ikun missier il-minuri Cmaghrufa bil-kunjom C, peress illi l-konvenut NC u l-konvenuta DC ma kellhomx rapporti intimi bejn it-tlett mitt (300) gurnata u l-mija u tmenin (180) gurnata qabel it-twelid tal-minuri, u ghalhekk il-konvenut NC kien effettivament fl-impossibilita' fizika li jghammar mal-konvenuta DC minhabba li kien boghod minnha;*

6. *Illi effettivament, missier il-minuri C maghrufa bil-kunjom C huwa l-attur GC u dan peress illi fiz-zmien meta 1-istess C giet ikkoncepita, l-attur u l-konvenuta DC kienu qed jittratjenu relazzjoni intima, illi ghadha ghaddejja sal-lum, tant li sahansitra illum l-attur GC u l-konvenuta DC huma mizzewga kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat* ***Dok. 'GC 2'****;*

7. *Illi l-attur qieghed minn issa jiddikjara id-disponibilita' tieghu ghal kwalsiasi testijiet u provi genetici u xjentifici rikjesti mil-Ligi u minn dina l-Onorabbli Qorti;*

8. *Illi skond DNA Paternity Test Report maghmul minn MLSBioDNA Limited, liema test qed jigi anness, esebit u mmarkat bhala* ***Dok. 'GC 3'****, irrizulta illi l-attur GC huwa l-missier bijologiku tal-minuri C maghrufa bil-kunjom C;*

9. *Illi dawn il-fatti kif hawn dikjarati huma kollha a diretta konoxxenza ta' l-attur.*

10. *Illi l-attur gie debitament awtorizzat jipprezenta din il-procedura a bazi ta' digriet datat hamsa (5) ta' Settembru 2018 liema digriet gie moghti fl-atti tar-rikors generali numru 388/18 AGV (****Dok. 'GC 4'****);*

11. *Illi ghalhekk qed isiru l-prezenti proceduri sabiex:-*

    (a) *fl-ewwel lok, jigi stabbilit u ddikjarat illi l-minuri C maghrufa bil-kunjom C, hija effettivament il-wild naturali tal-attur GC u mhux il-wild tal-konvenut NC kif indikat fl-Att tat-Twelid relattiv bin-numru X;*

    (b) *konsegwentement jigi korrett l-Att tat-Twelid bin-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-Nota ta' DC f'isimha propju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri CC, datata 19 ta' Ottubru, 2018, a fol 23, li taqra hekk:

*Li permezz taghha filwaqt li tinforma lil din l-Onorabbli Qorti li l-esponenti ma hux ser iddahhal risposta guramentata sabiex tevita spejjez taqbel mat-talbiet tal-attur hekk kif dedotti.*

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, datata 24 ta' Ottubru, 2018, a fol 44 et seqq., li taqra hekk:

*Dr Neil Harrison għan-nom u in rappreżentanza tal-istess Direttur jesponi bil-qima u bil-Ġurament tiegħu jiddikjara u jikonferma s-segwenti:*

1. *Illi preliminarjament, l-esponent jeċepixxi illi għandha tiġi sorvolata l-kwistjoni tal-pussess ta' stat u dan stante li Artikolu 77A tal-Kodiċi Ċivili jaqra: '**Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81**, il-filjazzjoni ta' tifel imwieled matul iż-żwieġ tista' tiġi attakkata wkoll minn kull min ikollu interess (...)";*

2. *Illi bla ħsara għal premess u fil-mertu, l-esponent jirrileva li b'referenza partikolari għall-paternita' in kwistjoni tal-minuri CC, naturalment huwa mhux edott mill-fatti li ġew iddikjarati mill-attur fir-rikors ġuramentat;*

3. *Illi r-rikorrent irid ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprova li fiż-żmien bejn it-tlett mitt ġurnata u l-mija u tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-minuri CC, DC kienet wettqet adulterju mal-attur stess u di piu' jipprova ukoll xi fatt ieħor li jistgħu ikunu testijiet ġenetiċi li jeskludu lil NC bħala l-missier naturali tal-imsemmija minuri CC;*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-attur esebixxa r-rapport ta' testijiet ġenetiċi li jindika li huwa proprju l-missier naturali tal-minuri CC. Madanakollu, l-esponent jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti illi dan ir-rapport għad irid jiġi maħluf mit-tekniku ikkonċernat;*

5. *Illi f'każ illi din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-atturi, l-esponent ħa konjizzjoni tad-dettalji kollha li nkluda l-attur fir-rikors ġuramentat tiegħu li eventwalment jiġu inserita fl-Att tat-Twelid tal-minuri CC, bin-numru*

*progressiv X. Barra minn hekk, fl-eventwalita' li l-Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, l-esponent ħa konjizzjoni ukoll li kunjom CC jinbidel għal C, salv pero' illi l-partijiet kontendenti ma jkollhom l-ebda oġġezzjoni għal tali talba;*

6. *Illi subordinatament u dejjem bla ħsara għas-suespost, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet tal-attur, huwa importanti li l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem NC, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri CC bin-numru progressiv X;*

7. *Illi finalment, l-esponent dejjem mingħajr preġudizzju għas-surriferit, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni odjerna mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' għaġir tal-esponent u għaldaqstant huwa ma għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed minn issa inġunt in subizzjoni.*

Rat in-nota ta' NC datata 25 ta' Ottubru 2018, a fol 47 li taqra hekk:

*Li permezz taghha, filwaqt li jinforma lil din l-Onorabbli Qorti li mhux ser idahhal risposta guramentata sabiex tevita spejjez jaqbel mat-talbiet tal-attur hekk kif dedotti salv li l-esponenti m'ghandux isofri l-ispejjez tal-proceduri istanti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat illi l-partijiet iddikjraw li m'ghandhomx sottomissjonijiet x'jaghmlu.

**Ikkonsidrat;**

**Dr. Marisa Cassar** xehdet permezz t'affidavit a fol 51 *et seqq* illi mit-testijiet genetici maghmula minnha fuq kampjuni orali ta' DC, CC u GC jirrizulta illi GC huwa l-missier naturali

ta' CC.

**DC** xehdet permezz t'affidavit a fol 57 *et seqq* illi hija kienet izzewget lill-intimat NC ta' sbatax – il sena peress illi kienet inqabdet tqila bit-tifla taghhom RC. Spjegat illi dan iz-zwieg kien sfaxxa f'qasir zmien ghaliex C kien ikkommetta adulterju fl-ewwel sena taz-zwieg, u kienu bdew jghixu ghal rashom fl-2001. Ziedet illi fl-2003 kienet ghamlet talba ghall-annullament quddiem it-Tribunal Ekklezjastiku sabiex jigi ddikjarat illi z-zwieg taghha ma' C null u kienu wkoll bdew proceduri ta' separazzjoni. Xehdet illi nelfrattemp kienet bdiet relazzjoni mar-rikorrent GC, li llum il-gurnata huwa r-ragel taghha, u wara sena kienu bdew jghixu flimkien. Qalet illi fl-2006 kienet twieldet binthom C minn din ir-relazzjoni, izda peress illi z-zewg kawzi ta' separazzjoni w annullament kienu ghadhom ma gewx decizi, din it-tifla giet irregistrata bhala bint NC.

Xehdet li ghall-appuntament ta' tqala ta' bintha C, kien dejjem ir-rikorrent li attenda, filwaqt li l-intimat ma kienetx tiltaqa' mieghu ghajr ghal meta kien ikollhom xi appuntament legali fir-rigward tas-separazzjoni. Ziedet illi hija qatt ma kellha relazzjoni intimata ma' C wara l-2001. Spjegat li r-rikorrent dejjem ha hsieb lil Cu ghexu flimkien bhala familja flimkien ma' R u tifla ohra li kellhom nell frattemp bl-isem S. Xehdet illi C qatt ma ltaqghat ma' C, **u filfatt tuza l-kunjom C ghaliex kienet biss b'din il-kawza li saret taf li fuq ic-certifikat ta' twelid taghha hemm imnizzel li hija bint Cu mhux bint ir-rikorrent.**

**SC,** oht DC, xehdet permezz t'affidavit a fol 51 illi ohtha kienet izzewget lil NC u flimkien kellhom tifla li semmew R. Xehdet illi fl-2001, ohtha u C ma baqghux jghixu flimkien u sussegwentement ohtha kienet bdiet relazzjoni mar-rikorrent, illum il-gurnata taghha, u wara xi zmien bdew joqoghdu flimkien. Spjegat illi fl-2006 ohtha u r-rikorrent kellhom lil C, li tixbah hafna lir-rikorrent. Qalet illi r-rikorrent dejjem ha hsieb lil C bhala missier u rabbiha flimkien ma' ommha. Qalet illi sa fejn taf hi, ohtha qatt ma kienet tiltaqa' aktar ma' NC, u l-istess C qatt ma kien parti mill-hajja ta' C.

**JC,** omm ir-rikorrent, xehdet permezz t'affidavit a fol 60 illi r-rikorrent u DC bdew ir-relazzjoni taghhom cirka tliet snin qabel ma' twieldet C, u meta twieldet kienu diga jghixu flimkien. Xehdet illi meta kienet twieldet C, ir-rikorrent kien irribjat hafna ghaliex ma kienux thallew li jirregistraw lil C bhala bintu. Spjegat illi C tixbah hafna lir-rikorrent, u li r-rikorrent dejjem rabba lil C bhala bintu u kien prezenti bhala missierha ghal kull okkazzjoni.

**RC,** missier ir-rikorrent, xehed permezz t'affidavit a fol 61 u kkonferma x-xhieda moghtija minn martu JC fl-affidavit taghha.

**Ir-rikorrent GC,** xehed permezz t'affidavit a fol 62 illi huwa kien beda relazzjoni ma' DC fl-2003 u madwar sena wara bdew jghixu flimkien. Spjega illi fl-1 t'April 2006, u ghalhekk wara li huwa u D, illum martu, bdew jghixu flimkien, kellhom lil binthom C. Xehed illi huwa ma thalliex jirregistra lil C bhala bintu, peress illi l-kawzi ta' separazzjoni u t'annullament bejn D u NC kienu ghadhom pendenti. Xehed illi huwa dejjem kien hemm ghal C bhala missier, u dejjem ghexu taht l-istess saqaf bhala familja, flimkien ma' ommha D, R u llum il-gurnata S, tifla ohra li kellhom flimkien. Spjega li hu dejjem kien prezenti waqt it-trobbija ta' C, ra titwieled, taghmel l-ewwel passi taghha, tmur l-iskola u tikber. Qal li filfatt, C lilu biss taf bhala missier u lil NC qatt ma ltaghat mieghu. Qal illi ghalhekk hu jixtieq li jigi rregistrat bhala missier C.

**Ikkonsidrat:**

Illi din hija kawza maghmula ai termini tal-Artikolu 77A tal-Kodici Civili, ai termini ta' liema:

> **"*Bla ħsara għal dak li jiddisponi l-artikolu 81, kull min jgħid li huwa l-ġenitur naturali ta' wild imwieled fiż-żwieġ, jew il-werrieta tiegħu jekk huwa jkun miet qabel ma jitwieled il-wild, jista' jmexxi b'rikors ġuramentat quddiem il-qorti kompetenti kontra l-konjuġi li wiled, il-konjuġi l-ieħor u l-wild, jew il-werrieta rispettivi tagħhom jekk xi ħadd minnhom ikun mejjet, sabiex huwa jiġi dikjarat bħala l-ġenitur naturali tal-wild u dan jekk kemm-il darba huwa jirnexxielu jipprova li fiż-żmien bejn it-tliet mitt ġurnata u l-mija u t-tmenin ġurnata qabel it-twelid tal-wild, il-konjuġi li wild kien wettaq adulterju miegħu, u barra minn hekk jipprova xi fatt ieħor, li jista' wkoll ikunu testijiet u provi ġenetiċi u xjentifiċi li x'aktarx jeskludu lill-konjuġi l-ieħor bħala l-ġenitur naturali tal-wild.*"**

L-Artikolu 81 li ghalih jaghmel referenza l-artikolu appena citat, jipprovdi illi:

> **"(1) *Ħadd ma jista' jitlob stat kuntrarju għal dak li jagħtuh l-att tat-twelid bħala iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ u l-pussess ta' stat li jaqbel ma' dak l-att.***

> ***(2) Hekk ukoll, ħadd ma jista' jattakka l-istat ta' iben imnissel jew imwieled matul iż-żwieġ ta' tifel li jkollu l-pussess ta' stat li jaqbel mal-att tat-twelid tiegħu*.**"

Il-Qorti taghmel ukoll referenza ghall-Artikolu 80 tal-Kodici Civili, skont liema:

> "***(1) Il-pussess tal-istat ta' iben leġittimu jiġi stabbilit minn ġabra ta' fatti li, meħudin flimkien, jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jgħid li hi l-familja tiegħu.***
>
> ***(2) L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:***
> ***(a) illi t-tifel ikun ġieb dejjem il-kunjom tal-missier li tiegħu hu jgħid li huwa l-iben;***
> ***(b) illi l-missier ikun ittrattah bħala ibnu, u, f'dik il-kwalità, ħaseb għall-manteniment u edukazzjoni tiegħu, u sabiex jikkollokah;***
> ***(ċ) illi t-tifel ikun ġie dejjem magħruf bħala tali man-nies;***
> ***(d) illi huwa jkun ġie magħruf bħala tali mill-familja."***

Fir-rigward tal-Artikolu 81 hawn fuq citat, fis-sentenza fl-ismijiet **Pierre Travers Tauss vs Direttur tar-Registru Pubbliku et noe,** deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-10 ta' Mejju 1996 intqal illi:

> "***Iktar ma jghaddi z-zmien aktar qed taqbad l-gheruq il-fehma li r-realtajiet biologici socjali ghadhom jipprevalu fuq il-prezunzjoni legali li pater est quem iustaw nuptaie demonstrant. Fil-kaz ta' Kroon versus The Netherlands, il-Qorti Ewropea hadet in konsiderazzjoni li n-nozzjoni ta' familja ma kinitx ristretta biss ghar-relazzjonijiet ibbazati fuq iz-zwieg izda tapplika wkoll ghal de facto family ties ohra fejn il-partijiet ikunu qed jghixu flimkien izda mhux fl-ghaqda taz-zwieg. Huwa fid-dover ta' l-istat li jagixxi b'mod li din ir-relazzjoni tkompli tizviluppa fl-interess ta' l-istess minuri. Ghalhekk l-artikolu 81 tal-Kodici Civili m'ghandux johloq ostakolu ghall-akkoljiment tat-talbiet ta' l-attur*.**"

Il-Qorti rat illi l-minuri CC twieldet fl-1 t'April 2006, u giet irregistrata bhala bint NC, li dak iz-

zmien kien ghadu legalment zewg DC peress illi l-kawzi intavolati minnhom ghal separazzjoni w annullament kienu ghadhom pendenti. Il-Qorti rat illi pero, fiz-zmien meta twieldet l-istess minuri, ommha DC, u NC ma kienux jghixu flimkien, u filfatt hija kienet tinsab f'relazzjoni ohra mar-rikorrent GC u kienet tghix mieghu.

Jirrizulta illi ghalkemm il-minuri hija rregistrata bhala bint NC, hija ma tafx lill-istess C u m'ghandha l-ebda relazzjoni mieghu. Il-Qorti rat ukoll illi r-rikorrent rabba lil C bhala bintu u kien dejjem prezenti f'hajjitha bhala missierha. Il-Qorti rat li jirrizulta li filfatt ir-rikorrent, u DC, li llum il-gurnata hija martu, jghixu flimkien bhala familja flimkien ma' R, il-wild li DC kellha miz-zwieg taghha ma' NC, C, u S, li twieldu mir-relazzjoni bejn ir-rikorrent u DC.

Il-Qorti rat ukoll illi mit-testijiet genetici, li f'kawzi bhal dawn huma l-prova regina, jirrizulta car illi r-rikorrent huwa l-missier biologiku ta' C. Illi ghalhekk il-parentela tal-minuri giet stabbilita minghajr ombra ta' dubbju u minn dawn isegwi illi t-talbiet tar-rikorrent huma fondati fil-fatt u fid-dritt, u qed jigu milqugha.

Fir-rigward tal-kunjom tal-minuri, il-Qorti rat illi ghalkemm il-minuri hija rregistrata bhala bint NC, hija tuza, **u hija maghrufa bil-kunjom ta' missierha naturali r-rikorrent**. Illi ghalhekk il-Qorti hija tal-fehma illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi kunjomha jinbidel fuq l-att tat-twelid sabiex jirrifletti l-verita li hija ilha tghix sa minn twelidha.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u ghaldaqstant:**

**(1) Tiddikjara li l-minuri C maghrufa bil-kunjom C, hija effettivament il-wild naturali tal-attur GC**

**(2) Tiddikjara li l-konvenut NC ma hux il-missier naturali ta' C maghrufa bil-kunjom C;**

**(3) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet kollha necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' C maghrufa bil-kunjom C liema att ghandu n-numru X sabiex jirrifletti din il-verita' dwar il-paternita' tal-minuri fosthom:**

**(a) jbiddel l-kunjom "Cx" fil-kolonna "Isem jew ismijiet li bih / bihom it-tarbija ghandha tigi msejha" bil-kunjom "C" sabiex jirrispekkja l-kunjom tal-missier;**

**(c) jhassar il-kliem "NC" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Missier it-Tarbija, u minflok inizzel "GC", ihassar il-kliem "the said" fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'referenza ghall-Omm it-Tarbija, ihassar n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Y" fil-kolonna "Id-Dokument ta' l-Identita" relattiv ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel n-numru tal-Karta tal-Identita Maltija "Z", ihassar n-numru "W" fil-kolonna "Eta'" b'referenza ghall-missier tal-minuri u minflok inizzel in-numru "V, ihassar l-post "S" fil-kolonna "Fejn Joqghodu", in kwantu jirrigwarda l-intestata "Missier it-tarbija" u minflok inizzel l-post "Q", ihassar il-kliem "CC (Dead)" u minflok inizzel il-kliem "RC (Alive)" fil-kolonna "Isem u Kunjom il-Missier u jekk hux haj jew mejjet", b'referenza ghall-intestata "Missier it-Tarbija";**

**(d) Tordna wkoll illi l-kelmiet 'the said' li jinsabu qabel isem NC, senjatament taħt il-kolonna u fir-ringiela fejn hemm indikati t-tagħrif dwar l-omm għandhom ukoll jiġu kkanċellati mill-Atti tat-Twelid tal-minuri CC bin-numru progressiv X.**

**L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ir-rikors ghall-awtorizazzjoni, ghandhom jithallsu minn DC.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**